MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1300/1997/1

Francis Saviour **MIFSUD**

vs

Maria Carmela **MIFSUD;** Rosina mart Vincent van Sluytman u b'degriet tat-22 ta' Ġunju, 1999, ġew nominati l-Avukat Dominic Cassar u l-Prokuratriċi Legali Davina Sullivan bħala kuraturi biex jirrappreżentaw l-wirt battal ta' Rosina van Sluytman, li mietet fil-mori tal-kawża, u b'Nota tat-28 ta' Ġunju, 1999, l-istess Vincent van Sluytman assuma l-atti tal-kawża minflok l-imsemmija Kuraturi Deputati bħala werriet ta' martu Rosina; Stephen u Helen mart Emanuel Cassar, aħwa Mifsud, ulied il-mejjet Costantino Mifsud; u l-Avukat Victor Scerri u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonniċi li, b'degriet tal-20 ta' Awissu, 1997, inħatru kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-imsiefer Joseph Mifsud li jinsab l-Ingilterra, ilkoll kemm huma l-persuni msemmija eredi tal-mejjet Emanuel Mifsud

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-4 ta’ Ġunju, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din l-Qorti (i) ssib li (a) l-ġid immobbli li huwa l-appartament numru wieħed (1), f’numru mitejn u erbatax (214), Triq it-Torri, Sliema u (b) is-*safety box* u l-kont bankarju li jinsab fil-fergħa tas-Swiss Volksbank ta’ Bahnhofstrasse, 53, Zurich, fl-Iżvizzera, għalkemm intestati f’isem il-mejjet ħuh Emanuel Mifsud, fil-fatt huma ġid tiegħu biss b’esklużjoni ta’ kull ħaddieħor; (ii) taħtar nutar pubbliku biex, fil-ħin, jum u post li jogħġobha tiffissa, jippubblika l-att nutarili meħtieġ biex il-ġid imsemmi kif sanċit bis-sentenza tagħha jkun dikjarat bħala ġidu, u taħtar ukoll kuraturi biex jidhru fuq l-imsemmi att għal dawk li jonqsu li jersqu għall-pubblikazzjoni; u (iii) tordna li, minnufih mal-għoti tas-sentenza, kopja tagħha tintbagħat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrka Helen Cassar fit-30 ta’ April, 1998, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li ma kienet taf xejn dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ u għalhekk ma kellhiex tbati spejjeż tal-kawża;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek Stephen Mifsud fis-16 ta’ Ottubru, 1998, li biha laqa’ għall-azzjoni attriċi billi qal li l-attur jeħtieġ jipprova li tassew huwa sid il-ġid imsemmi fiċ-Ċitazzjoni, u li l-eċċipjenti wkoll huwa werriet ta’ Emanuel Mifsud, ħu l-attur, għaliex dan miet bla testment u s-suċċessjoni tiegħu nfetħet b’degriet li wkoll kien jinkludih bħala werriet tal-imsemmi Emanuel Mifsud. Jisħaq li l-ġid imsemmi mill-attur huwa wirt ta’ Emanuel Mifsud, u jekk kemm-il darba hemm xi werrieta li qegħdin jgħidu li dak huwa ġid tal-attur, dan għamluh għaliex beżgħu mill-attur minħabba t-theddid tiegħu lejhom, bħalma hedded lill-istess eċċipjenti. Żied jgħid li kemm dam idur b’zijuh Emanuel Mifsud, dan qatt

ma qallu li l-ġid imsemmi fiċ-Ċitazzjoni kien fil-fatt ġid ħuh l-attur. Minħabba f'hekk, jgħid li t-talbiet tal-attur m'għandhomx jintlaqgħu, għaliex il-ġid reklamat mill-attur huwa ġid tal-werrieta kollha ta' Emanuel Mifsud u bl-azzjoni tiegħu, l-attur qiegħed jipprova jieħu dak li m'huwiex tiegħu;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrka Maria Carmela Mifsud fis-6 ta' Novembru, 1998[1], li biha iddikjarat li kienet laqgħet in-notifika tal-atti tal-kawża, iżda naqset li tressaq kontestazzjoni għat-talbiet tal-attur (ħuha) fiż-żmien mogħti mil-liġi, u għalhekk waqgħet kontumaċi;

Rat in-Nota mressqa mill-Kuratur Deputat l-Avukat Dottor Victor Scerri fil-21 ta' April, 1999[2], b'dokument miktub minn idejn l-imħarrek Joseph Mifsud mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa minn Vincent van Sluytman fit-28 ta' Ġunju, 1999[3], li biha laqa' l-bandu biex jidher għall-wirt ta' martu l-imħarrka Rosina van Sluytman, li mietet ftit ġimgħat wara li nfetħet il-kawża;

Rat in-Nota mressqa mill-imsemmi Vincent van Sluytman dak inhar ukoll[4], li biha iddikjara li kien qiegħed jammetti t-talbiet attriċi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta' Novembru, 1999[5], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-Kuraturi Deputati Avukat Victor Scerri u Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonniċi fit-23 ta' Novembru, 1999, li biha qalu li ma kienu jafu xejn dwar il-każ u irriżervaw li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri jekk jew meta jkun il-każ;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-29 ta' Jannar, 2001[6], li bih ħassret *contrario imperio* d-degriet

[1] Paġ. 35 tal-proċess
[2] Paġġ. 37 – 8 tal-proċess
[3] Paġ. 54 tal-proċess
[4] Paġ. 40 tal-proċess
[5] Paġ, 56 tal-proċess

mogħti fit-22 ta' Ġunju, 1999, bil-ħatra tal-Kuraturi Deputati għall-wirt battal ta' Rosina van Sluytman, u ikkonfermat lil Vincent van Sluytman bħala kuratur għall-imsemmi wirt ta' martu;

Rat ix-xhieda mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju msemmija;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Novembru, 2004[7], li bih ħassret il-ħatra tal-Assistent Ġudizzjarju u ordnat li l-bqija tax-xhieda jinstemgħu fil-Qorti bil-miftuħ;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Mejju, 2007[8], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u dak tal-20 ta' Novembru, 2007[9], li bih u fuq talba magħmula lilha mill-avukati tal-partijiet, ordnat li t-trattazzjoni tal-għeluq issir b'Noti ta' Osservazzjonijiet u tathom żmien għal hekk;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fis-27 ta' Frar, 2008[10];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek waqt is-smigħ tat-3 ta' Ġunju, 2008[11], bi tweġiba għal dik imressqa mill-attur;

Rat li l-imħarrkin l-oħrajn baqgħu ma ressqu l-ebda sottomissjonijiet minkejja ż-żmien mogħti lilhom;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

---

[6] Paġ. 60A tal-proċess
[7] Paġ. 161 tal-proċess
[8] Paġ. 214 tal-proċess
[9] Paġ. 222 tal-proċess
[10] Paġġ. 224 sa 234 tal-proċess
[11] Paġġ. 239 sa 243 tal-proċess

Illi din hija azzjoni ta' aċċertament ta' proprjeta' ta' ġid mobbli u immobbli maqbud f'wirt. L-attur jgħid li appartament li jinsab f'Tas-Sliema u kaxxa personali li tinsab f'fergħa ta' bank fl-Iżvizzera huma ħwejġu biss, minkejja li jidhru taħt isem ħuh li miet qablu, ġuvni u intestat. Irid li din il-Qorti ssib li huwa biss jitqies li hu sid dak il-ġid u li l-imħarrkin m'għandhom xejn minnu, minkejja li huma jista' jkun li huma werrieta bil-liġi ta' ħuh li miet qablu. Meta ressaq is-sottomissjonjiet tiegħu tal-għeluq[12], l-attur iddikjara li m'għadux aktar interessat f'dik il-parti tat-talba tiegħu li titkellem dwar il-kaxxa tad-depożitu fil-bank barrani. Għalhekk, din il-Qorti sejra tqis biss il-kwestjoni tal-appartament;

Illi filwaqt li tlieta mill-imħarrkin baqgħu passivi għall-azzjoni tal-attur (fejn waħda waqgħet kontumaċi, l-armel ta' l-oħra stqarr it-talbiet u t-tielet waħda qalet li ma taf xejn dwar il-każ), wieħed ieħor mill-imħarrkin jiċħad b'qawwa dak li jallega l-attur u jisħaq li minn dak il-ġid imsemmi fiċ-Ċitazzjoni huwa għandu sehem bis-saħħa tal-fatt li huwa werriet tal-persuna li dak il-ġid jidher f'ismu. Imħarrek ieħor li jgħix barra minn Malta (iżda li tqabbdu Kuraturi Deputati biex jidhru f'ismu), għalkemm personalment stqarr li hu wkoll irid sehemu mill-ġid vendikat mill-attur[13], formalment eċċepixxa xi sena wara li huwa ma jaf xejn dwar il-każ[14];

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u>, jirriżulta li l-attur huwa wieħed minn sitt aħwa, lkoll ulied John Mifsud u Carmela mwielda Grech. John Mifsud miet f'Awissu tal-1968 filwaqt li martu Carmela Mifsud mietet fl-1985. Ħut l-attur kien jisimhom Emanuel (li kien ġuvni), Carmela (xebba), Rosina li kienet miżżewġa lil Vincent van Sluytman, Costantino li kien miżżewweġ lil Blanche Scicluna u Joseph;

Illi l-attur għamel żmien twil jgħix barra minn Malta u kien jinżel hawn minn żmien għal żmien meta ċ-ċirkostanzi kienu jippermettulu;

[12] Paġ. 224 tal-proċess
[13] Ittra tiegħu 16.11.1998, f'paġ. 38 tal-proċess
[14] Ara paġ. 56A tal-proċess

Illi sa mill-1968, l-attur kien ħatar lil ħuh Costantino bħala prokuratur tiegħu. Bis-saħħa ta' kuntratt tal-11 ta' April, 1974[15], l-imsemmi Costantino Mifsud, bħala prokuratur tal-attur, flimkien ma' wieħed Emanuel Coleiro, ittrasferixxa l-appartament terran numru wieħed (1) mill-blokka ta' bini bl-isem ta' "*Tower Court*" f'numru mitejn u erbatax (214), Triq it-Torri, Sliema, lill-imsemmi Emanuel Mifsud, bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Kien iddikjarat mill-bejjiegħa li l-prezz miftiehem ta' tmint elef lira Maltin (Lm 8,000) "ġia rċivewh mingħand il-komparenti Emanuel Mifsud" qabel dak inhar;

Illi Emanuel Mifsud miet, intestat, fl-24 ta' Frar, 1978 u d-denunzja tas-suċċessjoni tiegħu saret mill-attur f'Lulju tal-1985[16], u tħallset minn flejjes tiegħu[17]. Il-wirt ta' Emanuel Mifsud infetaħ bis-saħħa ta' degriet mogħti f'Awissu tal-1994[18] favur l-attur u l-imħarrkin;

Illi Costantino Mifsud miet f'Lulju tal-1981 u ħalla żewġ ulied, jiġifieri l-imħarrkin Helen mart Emanuel Cassar u Stephen, aħwa Mifsud. Dawn it-tnejn huma fost l-imħarrkin f'din il-kawża.

Illi omm l-attur, Carmela Mifsud, mietet wara uliedha Emanuel u Costantino, fl-1985[19];

Illi l-imħarrkin l-oħrajn huma ħut l-attur, jiġifieri Carmela Mifsud, Joseph Mifsud (li jgħix barra minn Malta) u l-armel ta' oħtu Rosina – Vincent van Sluyten – li mietet ftit ġimgħat wara li nfetħet din il-kawża;

Illi fit-13 ta' Diċembru, 1994[20], wara nofsinhar, infetħet fil-fergħa tal-Schweizerischen Volksbank f'Żurigu, l-kaxxa tad-depożitu numru elf u sebgħa u sittin (1067) u l-kontenut tagħha (li kien jikkonsisti f'dokumenti) ngħata lil rappreżentanti tal-istess Bank. Flus jew effetti oħra ma nstabux fiha x'ħin infetħet dak inhar;

Illi l-kawża nfetħet f'Ġunju tal-1997;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jirrigwardaw il-każ tal-lum, irid jingħad li minkejja li jista' jidher li dik tal-attur hija azzjoni ta' rivendika jew ta' aċċertament ta' titolu, huwa jisħaq li fis-sewwa hija azzjoni

[15] Dok f'paġġ. 183 – 5 tal-proċess (liema kopja fiha paġni neqsin)
[16] Dok "VG", f'paġġ. 117 – 8 tal-proċess
[17] Dokti "DG3" u "DG4", f'paġġ. 107 – 8 tal-proċess
[18] (Deg. Nru. 764/94) Dok "EM2", f'paġ. 8 tal-proċess
[19] Xhieda ta' Stephen Mifsud 21.7.2003, f'paġ. 144 tal-proċess
[20] Dok "VGZ1", f'paġġ. 132 – 4 tal-proċess

mqarrba lejn il-kwestjoni tal-prestanom, li hija wkoll magħrufa bħala l-*actio mandati directa*. Azzjoni bħal dik titfisser u titwettaq taħt l-istitut tal-kuntratt tal-mandat jew prokura. Bis-saħħa ta' kuntratt bħal dak, persuna tista' taħtar lil persuna oħra biex tagħmel xi ħaġa għaliha[21], liema ħatra tista' ssir b'kull mod li jkun imqar bil-fomm jew ukoll bla kliem ta' xejn[22], sakemm l-għan ta' ħatra bħal dik ikun ħaġa leċita li min jagħmel il-ħatra seta' jwettaq huwa wkoll[23]. Illum il-ġurnata, il-liġi tagħna tagħraf espressament qagħda bħal din u tirregola sewwa l-effetti tagħha fil-qafas ta' obbligazzjonijiet fiduċjarji[24];
Illi d-duttrina ilha tqis il-*prestanome* bħala mandatarju u ħaġa waħda, l-iżjed fir-relazzjonijiet bejnu u l-mandant[25]. Kemm hu hekk, huwa biss f'għajnejn it-terzi persuni li din ir-rappreżentanza ma tidherx (billi l-mandatarju ma jiddikjarax li qiegħed jidher f'isem il-mandant tiegħu) u għalhekk tissejjaħ rappreżentanza indiretta;

Illi l-liġi tagħna tagħraf u tagħti saħħa lil dik iċ-ċirkostanza fejn, minkejja dak li jopprovdi l-artikolu 999(1) tal-Kodiċi Ċivili – u għaliex jipprevalu r-regoli speċjali tal-kuntratt tal-mandat u aktar u aktar dawk dwar obbligazzjonijiet fiduċjarji – persuna tidher fuq att pubbliku u tikseb ġid taħt isimha imma fl-interess ta' min ikun ħatarha tagħmel hekk[26];

Illi huwa stabilit li, biex jingħata mandat bħal dan, m'hemmx għalfejn li jkun bil-miktub u l-liġi speċjali li tħares dan il-kuntratt dan tgħidu ċar, b'mod li lanqas ma hija meħtieġa l-kitba biex persuna taħtar lil persuna oħra biex tikseb ġid immobbli f'isimha[27]. Jeħtieġ, madankollu, li l-mandat ikun wieħed espress u mhux biss impliċitu[28]. Ladarba ma jkunx hemm il-kitba f'ħatra bħal dik, jaqa' fuq min jallega l-mandat il-piż li jippruvah kif imiss, u din il-

---

[21] Art. 1856(1) tal-Kap 16
[22] Art. 1857(2) tal-Kap 16
[23] Art. 1857(1) tal-Kap 16
[24] Art. 1871A tal-Kap 16
[25] Baudry-Lacantinerie & Wahl Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile (Vol: XXIV, § 890, f'paġ. 486)
[26] App. Ċiv. **2.5.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Mamo noe vs Sant Fournier noe*** (Kollez. Vol: **XLI.i.298**)
[27] App. Ċiv. **24.4.1931** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et vs Gauċi noe*** (Kollez. Vol: **XXVIII.i.60**); u P.A. **11.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Rizzo Bamber noe et vs Rizzo noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.430)**
[28] App. Ċiv. **29.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Pisani vs Grazio Mizzi et***

prova trid tkun tajba biżżejjed biex toqgħod għall-vot tal-grad probatorju mistenni f'kawża ta' xejra ċivili[29];

Illi l-effett tal-kisba ta' ġid minn *prestanome* huwa dak li l-ħaġa ssir tal-mandant minnufih u mhux malli ssir it-talba lill-mandatarju[30]. Għalhekk jingħad li l-parti attriċi f'azzjoni *mandati directa* lanqas għandha bżonn titlob li jitħassar l-att li bih il-mandatarju jkun kiseb il-ħaġa[31], għaliex huwa biżżejjed li l-istess parti attriċi turi li tassew kien hemm tali mandat u tgħaddi biex titlob l-eżekuzzjoni speċifika[32]. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax toqgħod fuq is-sottomissjonijiet magħmula mill-imħarrek Stephen Mifsud li jridu li l-azzjoni attriċi hija ħażina għaliex l-attur ma għamilx talba għat-tħassir tal-kuntratt ta' bejgħ ta' April 1974;

Illi l-azzjoni *mandati directa* tista' titressaq kemm mill-mandant kontra l-mandatarju jew il-werrieta tiegħu u kemm ukoll mill-werrieta tal-mandant kontra l-istess mandatarju jew kontra l-werrieta tiegħu. Dan jista' jseħħ minkejja li l-mandat jintemm mal-mewt ta' xi waħda mill-partijiet għall-kuntratt. Iżda minħabba li l-azzjoni *mandati directa* hija waħda personali, jidher li l-jedd tal-azzjoni jintilef jekk kemm-il darba l-ħaġa miksuba mill-mandatarju tkun laħqet għaddiet għand terzi persuni;

Illi huwa stabilit ukoll li l-azzjoni *mandati directa* tista' ssir fejn il-mandatarju *prestanome* ma jkunx kiseb il-ġid kollu f'isem ikl-mandant tiegħu u mqar jekk biċċa mill-ġid ikun kisbu għalih *proprio*[33];

Illi f'dan il-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-attur jgħid li l-appartament numru wieħed (1) li jagħmel mill-korp ta' bini bl-isem "*Tower Court*" huwa tiegħu minkejja li dan kien jgħajjat lil ħuh Emanuel. Huwa jgħid li kien hemm ċirkostanzi li ġagħluh idawwar il-ġid tiegħu f'Malta fuq isem l-imsemmi ħuh u li għalhekk, minkejja dak it-titolu li

---

[29] App. Ċiv. **26.6.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Rosario Aġius et vs Carmelo Aġius et***
[30] App. Ċiv. **20.11.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.350**)
[31] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Frendo vs Carmelo Azzopardi et*** (mhix appellata)
[32] P.A. TM **26.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Attard vs Filippa Abela*** (mhix appellata)
[33] Ara P.A. RCP **28.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Norman Beżżina et vs Anthony Caruana et*** (mhix appellata)

jidher li kellu ħuh, l-imsemmi appartament huwa, fis-sewwa, ġid tiegħu;

Illi minħabba li quddiemha l-Qorti għandha kuntratt pubbliku li juri li l-attur innifsu (permezz ta' mandatarju tiegħu, ħuh Costantino) u sieħeb ieħor tiegħu, wieħed Emanuel Coleiro, ittrasferew l-appartament lil Emanuel Mifsud, l-attur jeħtieġlu juri li dak it-trasferiment sar, minkejja kollox, biex jibqa' xorta waħda ġid tiegħu. Fi kliem ieħor, b'differenza minn dak li s-soltu jiġri f'azzjoni *mandati directa* fejn il-ġid miksub ikun sar f'isem ħaddieħor u ma jkunx għadu jidher fuq l-isem tal-mandant veru, f'dan il-każ għandna qagħda fejn is-sid ta' post jittrasferih fuq isem ħaddieħor, imma jgħid li dak it-trasferiment ma riedx li jseħħ tassew. Wieħed hawn ma jridx jinsa lanqas li, meta sar il-kuntratt imsemmi, ma kienx l-attur biss (permezz tal-mandatarju tiegħu, kif fuq ingħad) li ittrasferixxa l-appartament lil Emanel Mifsud, iżda kien hemm persuna oħra li għaddiet is-sehem tagħha lill-istess akkwirent, u din il-persuna (Coleiro) la hija parti fil-kawża li għamel l-attur u lanqas tressaq b'xhud tal-istess attur. Fuq dawn iċ-ċirkostanzi, jisħaq ukoll l-imħarrek Stephen Mifsud fis-sottomissjonijiet imressqin minnu[34];

Illi f'qagħda bħal din, fejn negozju bħal dak joqrob ħafna għal ftehim milqut minn simulazzjoni relativa, l-attur jeħtieġlu juri fi grad xieraq biżżejjed li dak li qiegħed jallega huwa minnu tassew, għaliex fil-qofol tiegħu, l-każ tiegħu jinbena fuq ċirkostanza kontra dak li hemm miktub f'att pubbliku li jagħti titolu. Dan jgħodd bil-wisq aktar fejn il-kawża tkun qiegħda ssir fi żmien meta l-komparenti l-oħrajn fuq l-att ikunu sadattant mietu;

Illi l-attur iressaq bosta argumenti u jislet ċirkostanzi minn bosta provi biex isaħħaħ il-pretensjoni tiegħu. Fl-ewwel lok, huwa jgħid li dak li wasslu biex jippermetti li jsir il-kuntratt favur ħuh Emanuel, kienu ċ-ċirkostanzi marbuta ma' kwestjonijiet ġudizzjarju li huwa kellu ma' Emanuel Coleiro fir-renju Unit u li minħabba fihom "kien ippreferixxa" li ma jkollux ġid jidher fuq ismu hawn Malta[35].

[34] Paġġ. 241 – 2 tal-proċess
[35] Xhieda ta' Dr. V.E. Ragonesi 24.10.2006, f'paġġ. 199, 200 u 204 tal-proċess

Fit-tieni lok, jgħid li huwa dejjem żamm kopja taċ-ċavetta tal-appartament u kien hemm żmien meta, saħansitra wara li kien għadda s-sehem tiegħu mill-post lil ħuh Emanuel, kien sar arranġament biex bint l-attur tiġi Malta minn barra u toqgħod (kif, fil-fatt, qagħdet) u tgħix fih. Fit-tielet lok, ressaq xhud qarib tiegħu u lill-avukat li kellu qabel li t-tnejn qalu li semgħu lil ħu l-attur (jiġifieri lil Emanuel Mifsud, li favurih sar it-trasferiment tal-post) jistqarr li l-appartament kien tal-attur u mhux tiegħu[36], u xhud ieħor li qal li kien mgħarraf minn mart Costantino Mifsud, Blanche, li l-ġid kien tal-attur u mħallas min-negozju li l-attur kien imexxi fir-Renju Unit[37], u liema fatt ikkonfermatu l-istess Blanche Mifsud fix-xhieda tagħha[38]. Fir-raba' lok, wera li kien hu waħdu u bi flusu li ħallas it-taxxa tas-suċċessjoni tal-wirt ta' ħuh Emanuel. Fis-sitt lok, l-attur jisħaq li l-post qiegħed jgħix fih u huwa r-residenza tiegħu kemm idum Malta. Fis-seba' lok, jgħid li t-trasferiment tal-appartament sar favur ħuh Emanuel sforz kemm dan dam jisħaq ma' ħuh l-ieħor Costantino[39] (prokuratur tal-attur) biex idawwar il-post fuq ismu u minkejja li Costantino dam jirreżisti talba bħal dik, waqt li l-attur kien jinsab rikoverat fi sptar fl-Iżvizzera[40]. Fit-tmien lok, huwa jgħid li meta, għall-ħabta nofs l-2000 (jiġifieri waqt li kienet miexja din il-kawża), talab lill-istess imħarrkin biex jiffirmawlu ħalli post ieħor tiegħu fi Triq is-Santwarju, f'Birkirkara li kien jgħajjat lill-imħarrka Maria Carmela Mifsud ikun trasferit, dawn aċċettaw li jagħmlu hekk bla xkiel ta' xejn[41];

Illi, kif issemma qabel, minn fost l-imħarrkin kien biss l-imħarrek Stephen Mifsud – neputi tal-attur u iben Costantino (il-mandatarju tal-attur) u Blanche imwielda Scicluna – li irreżista effettivament l-azzjoni attriċi. Mill-imħarrkin l-oħrajn, jew saret stqarrija tat-talbiet attriċi, jew ma saret l-ebda kontestazzjoni formali (kontumaċja) jew tressqu eċċezzjonijiet formali maħsuba b'mod partikolari biex ma jitgħabbewx bl-ispejjeż tal-kawża. Madankollu,

[36] Xhieda ta' Freddie Fenech 6.3.2001 u ta' Dr. Victor Ragonesi 23.11.2001, f'paġġ. 64 u 94 tal-proċess
[37] Xhieda ta' Dr. Tonio Azzopardi 11.5.2001, f'paġ. 83 tal-proċess
[38] 11.5.2001 u Dok "VG2", f'paġġ. 77 – 8 u 85 tal-proċess
[39] Xhieda tal-imħarrka Helen Cassar 7.2.2006, f'paġ. 191 tal-proċess
[40] Affidavit tal-imħarrka Helen Cassar, Dok "BFA", f'paġ. 79 tal-proċess
[41] Dok "VGZ", f'paġ. 136 tal-proċess

huwa fatt mhux ta' min iwarrbu li l-imħarrek Joseph Mifsud (assenti minn Malta) kiteb ittra f'Novembru tal-1998, lill-kuratur deputat maħtur f'ismu, biex jgħidlu li "*I hereby declare that as far as I am aware, the property at 214, Flat 1, Tower Road, Sliema was the sole property of my late brother Emanuel Mifsud. Therefore I would like to state my claim on my share of the above mentioned property*"[42]. Minkejja dan, l-eċċezzjoni mressqa mill-istess kuraturi sena wara dik l-ittra kienet fis-sens li huma ma kinux edotti mill-fatti;

Illi min-naħa tiegħu, l-imħarrek Mifsud jipprova jxejjen il-provi mressqin mill-attur zijuh billi jnaqqas is-siwi u l-affidabilita' tagħhom kontra l-istat li nħalaq mal-mewt ta' zijuh l-ieħor Emanuel. Huwa jimxi mal-linja li l-qagħda vera u minnha hija dik li tinstilet mill-kuntratt tat-trasferiment ta' April 1974 u ta' x'seħħ mill-wirt ta' Emanuel ladarba l-mejjet miet intestat u mingħajr ulied (saħansitra ħalla warajh lil ommu għadha ħajja). B'dan il-mod huwa jgħid li, bħala werriet ta' zijuh Emanuel, hu u l-imħarrkin l-oħrajn għandhom sehem mill-appartament rivendikat mill-attur u jisħaq li l-attur ma jistax jinqeda b'atti tiegħu nnifsu li jmorru kontra dak li jallega f'din il-kawża tiegħu. Joħloq dubju wkoll dwar il-mod kif xhud imsejħa mill-attur taw ix-xhieda tagħhom u dwar kif stqarrijiet tat-talbiet attriċi jġibu l-firma tal-persuni legali li ressqu l-Att taċ-Ċitazzjoni f'isem l-attur. L-imħarrek ipinġi lil zijuh l-attur bħala bniedem li dejjem ifassal u jnassas biex dak li jrid jiksbu bis-sewwa jew bid-dnewwa u jaċċenna wkoll għall-imgħoddi kriminali tiegħu u kif ħabat difrejh mal-liġi. Fl-aħħar nett, huwa jiċħad li l-kuntratt ta' April 1974 kien simulat jew fejn il-kunsens tal-partijiet kien b'xi mod ieħor vizzjat, u b'dan il-mod ukoll qiegħed juri għaliex il-Qorti ma tqisx bħala wieħed tajjeb l-argument tiegħu li l-azzjoni attriċi kif imressqa hija ħażina għax ma saritx talba għat-tħassir ta' dak il-kuntratt;

Illi l-Qorti ma għandhiex dubju li l-kwestjoni li nħalqet u ġabet magħha din il-kawża hija biċċa ċkejkna minn ġrajja itwal u iżjed imlewna ta' dak li kien jiġri fi ħdan il-familja

[42] Paġ. 38 tal-proċess

tal-attur u l-mod kif kien jidderieġi t-tmexxija ta’ ġidu u ħwejġu. Bla ma toqgħod timraħ fuq konġetturi u x’sata’ kien hemm tassew, il-Qorti tara li, strettament minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża, l-attur kien personalita’ qawwija fil-familja tiegħu u kelmtu u xewqatu kienu jissarfu f’rieda li donnu kulħadd kien joqgħod għaliha. Ħareġ ukoll li huwa kien idejh miftuħa ma’ bosta minn qrabatu f’għajnuna fi flus fuq medda ta’ żmien, u kien magħruf minnhom ilkoll bħala bniedem li l-attivita’ tiegħu fin-negozju barra minn Malta wasslitu jiflaħ għal rabtiet finanzjarji ta’ ċerta konsistenza u fuq medda twil ta’ żmien. Ta’ dan kollu, madankollu, kien jippretendi l-kollaborazzjoni tagħhom bħala l-anqas ħaġa li kienu mistennija jagħmlu għall-għajnuna li huwa kien jagħtihom;

Illi fihom x’wieħed jomgħod l-argumenti mressqa mill-imħarrek dwar il-manuvra li saret biex l-attur innifsu jinża’ minn sehemu mill-appartament u jgħaddih favur ħuh biex, fl-istess waqt u nifs, jibqa’ jgħid li dak l-appartament għadu tiegħu. Iżda lanqas ma jmissu jintesa x’kienu ċ-ċirkostanzi tal-attur dak iż-żmien u kemm kien ilu jipprova ħuh Emanuel (ma’ ħuh l-ieħor Costantino) li jdawwar għal fuq ismu dak l-appartament. Hemm ukoll iċ-ċirkostanza li Emanuel Mifsud ma ħallas l-ebda parti mill-prezz fuq il-kuntratt tat-trasferiment u li l-ispejjeż tal-kuntratt saru minn flus li l-attur bagħat lill-avukat tiegħu (u dan minkejja li l-kuntratt kien jgħid li l-ispejjeż kellu jerfagħhom ix-xerrej). Minbarra dan, kien l-attur waħdu li, b’nefqa għalih ukoll minn flusu, ħallas it-taxxa tas-suċċessjoni kollha tal-wirt ta’ ħuh Emanuel, u kien huwa nnifsu li iddikjara l-appartament bħala parti mill-wirt ta’ ħuh, għaliex b’dan il-mod biss seta’ ’l quddiem jittama li jieħu lura fuq ismu dak il-ġid, ladarba ħuh laħaq miet;

Illi l-kwestjoni li ħabbtet xi ftit lil din il-Qorti hija dwar l-effetti fuq din il-kawża tal-għamla tal-kuntratt innifsu li bih l-attur (u Emanuel Coleiro) għaddew l-appartament lil Emanuel Mifsud. Meta sid (jew komproprjetarju) jidher li qiegħed jittrasferixxi l-jeddijiet tiegħu fuq immobbli imma, fl-istess waqt, jgħid li ma kellu l-ebda ħsieb li jitlaq dak il-ġid minn taħt idejh, x’effett ikollu trasferiment bħal dak u, b’mod partikolari, x’effett ikollu att ta’ trasferiment bħal

dak? Hemm il-fehma li mhux kull att ta' trasferiment li jkun qiegħed juri ħaġa iżda li jkun qiegħed ifisser ħaġ'oħra jmissu jitqies bħala att simulat. Minbarra dan, mhux kull att simulat jitqies bħala att null, sakemm ma jkunx sar b'qerq għal dak li trid il-liġi[43];

Illi huwa mgħallem li "*il negozio fiduciario, pur essendo strumentalmente diretto al raggiungimento di uno scopo diverso da quello tipico, non e` un negozio simulato o meramente apparente, ma e` un negozio effettivamente voluto, ossia reale e produttivo degli effetti che gli sono propri, appunto come mezzo idoneo a far conseguire al fiduciante il fine ultimo propostosi, alla realizzazione del quale e` tenuto il fiduciario*"[44]. Dawn l-osservazzjonijiet joqogħdu sewwa maċ-ċirkostanzi li wieħed isib f'mandat *prestanome*. F'każ bħal dan (li f'xi sistemi legali oħra huwa magħruf bħala "*interposizione reale*" biex jingħaraf minn dik magħrufa bħala "*interposizione fittizia*" li tnissel is-simulazzjoni), "*non configura un'ipotesi di simulazione: nel caso di interposizione reale, difatti, l'interposto risulta essere effettivamente e realmente parte di un contratto, essendo obbligato unicamente ad addivenire alla stipula di un futuro contratto con l'interponente. Con riferimento al menzionato caso di compravendita immobiliare, pertanto, l'interposto diviene proprietario del bene acquistato ad ogni effetto di legge; tuttavia, in forza degli obblighi assunti nei confronti dell'interponente, egli dovra` effettuare un successivo trasferimento del bene acquistato a vantaggio di quest'ultimo*"[45];

Illi wara li l-Qorti fliet sewwa l-provi mressqa u kejlithom mal-kriterji legali li għadhom kemm issemmew, issib li tassew jirriżulta li Emanuel Mifsud kien aġixxa ta' mandatarju *prestanome* ta' ħuh l-attur f'dak li jirrigwarda l-post mertu tal-każ, għallanqas safejn dak il-kuntratt kien jirrigwarda l-interessi u s-sehem ta' ħuh l-attur. Il-Qorti ssib li hemm ġabra ta' ċirkostanzi fattwali ċari li ma jħallu l-ebda dubju dwar din il-fehma tagħha;

---

[43] Ara, f'dan ir-rigward, P.A. GCD **18.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Judith Lucchesi noe vs Rita Sultana et*** (konfermata fl-Appell **3.12.2004**)
[44] Cass. **23.1.1971** nru. 146
[45] Alpa & Mariconda Codice Civile Commentato (2[a] Ediz, 2009), Vol IV, paġġ. 975 – 6

Illi huwa minnu li jingħataw żewġ raġunijiet għaliex l-attur wasal biex (permezz ta' prokuratur tiegħu) jittrasferixxi sehemu mill-appartament favur ħuh Emanuel. Raġuni minnhom hija mogħtija mill-eks-avukat tal-attur li jgħid li l-attur ried jagħmel dak il-kuntratt biex jeħles mill-effetti ta' kawżi li huwa kellu fl-Ingilterra ma' Emanuel Coleiro[46]. Il-Qorti ssib li din il-verżjoni hija kemm xejn iebsa biex titwemmen, meta wieħed iqis li l-istess imsemmi Emanuel Coleiro kien wieħed mill-komparenti fl-istess kuntratt u li Coleiro jidher li kien wieħed mis-sidien tal-istess appartament. Dan il-punt jirrilevah ukoll l-imħarek Stephen Mifsud fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu. It-tieni raġuni tingħata mill-attur innifsu meta jgħid li, fiż-żmien li kien rikoverat fi sptar fl-Iżvizzera, kien qiegħed jasallu minn Malta li ħutu kienu qegħdin jitlewmu fuq il-ġid li ħuhom l-ieħor Costantino kellu f'idejh bħala prokuratur tal-attur. Dan il-fatt kien qiegħed ikun ta' kedda kontinwa għall-imsemmi Costantino Mifsud (missier l-imħarrek Stephen Mifsud). Jidher li, matul dawk iż-żminijiet, ġid ieħor li l-attur kellu fuq ismu f'Birkirkara dar ukoll fuq isem oħtu Maria Carmela, għall-istess raġuni, u, meta għadda l-maltemp ġudizzjarju minn fuq l-attur u reġa' ġie lura Malta, dak l-istess post reġa' ddawwar bla xkiel ta' xejn fuq isem l-attur;

Ill, f'kull każ, jekk wieħed kellu jemmen waħda jew l-oħra minn dawn iż-żewġ verżjonijiet, ikollu jasal għall-fehma li l-ebda waħda minnhom ma hija raġuni li hija kontra l-liġi, jew mibnija fuq kawża illeċita jew maħsuba biex iddur ma' xi dispożizzjoni tal-liġi b'qerq. L-aktar li jista' jingħad hu li ż-żewġ raġunijiet, imqar jekk jittieħdu għalihom, kienu ċirkostanzi ta' konvenjenza għall-attur u dawk li kienu miftehmin miegħu f'dawn il-ġrajja. Fuq kollox, kienu ċirkostanzi li ma jwaqqgħux fix-xejn il-probabbilta' li jsiru atti *prestanome* bi skop determinat;

Illi b'dawn ir-riżultanzi ewlenin u oħrajn li joħorġu wkoll mill-atti, u li diġa' ssemmew aktar 'il fuq, il-Qorti ssib li tressqu provi tajbin biżżejjed biex bihom tasal għall-fehma li dak inhar tal-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ tal-11 ta' April,

[46] Xhieda ta' Dr. Victor E Ragonesi 24.10.2006, f'paġ. 204 tal-proċess

1974, Emanuel Mifsud kien qiegħed jidher fuq l-att bħala mandatarju *prestanome* ta' l-attur dwar sehem l-attur mill-appartament numru 1, f'"*Tower Court*", f'numru 214, Triq it-Torri, Sliema u għaldaqstant il-pretensjoni dedotta fl-ewwel talba attriċi jistħoqqilha tintlaqa', iżda biss safejn il-kuntratt kien jitkellem dwar is-sehem mhux maqsum li l-attur kellu fl-istess appartament;

Illi fid-dawl tal-ġrajja li seħħew wara l-imsemmi kuntratt u li ssemmew aktar 'il fuq f'din is-sentenza, il-Qorti sejra tilqa' wkoll it-tieni talba attriċi safejn sal-lum il-ġurnata l-imħarrkin għad fadlilhom xi interessi fil-ġid imsemmi li ma jirriżultax li ġie trasferit jew mod ieħor meħud minn terzi;

Illi t-tielet talba sejra tintlaqa' wkoll għaliex hija konsegwenzjali għat-talba ta' qabilha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** limitatament, billi ssib li l-attur huwa tassew is-sid ta' sehem mhux maqsum tal-appartament bin-numru wieħed (1), li jagħmel mill-korp ta' bini bl-isem ta' "*Tower Court*", f'numru mitejn u erbatax (214), Triq it-Torri, Sliema, miksub minn Emanuel Mifsud bħala *prestanome* tal-istess attur bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tal-11 ta' April, 1974, iżda tiċħadha safejn l-attur irid li huwa jitqies bħala s-sid waħdien tal-istess post;

**Tastjeni milli tqis l-ewwel talba** safejn din tirrigwarda xi ġid mobbli li jidher fuq isem l-imsemmi Emanuel Mifsud, ladarba l-attur irrinunzja għal din il-parti tat-talba tiegħu;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi taħtar lin-Nutar Anne Marie Tonna biex tippubblika l-att relattiv għat-trasferiment ta' kull sehem li l-attur imissu mill-imsemmi fond, liema kuntratt irid isir fil-bini tal-Qorti nhar l-Erbgħa, 21 ta' Diċembru, 2011, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu, jew dak il-jum, ħin u post ieħor li l-Qorti tista' tistabilixxi fuq talba li ssirilha għaldaqshekk mill-imsemmija nutar pubbliku, u taħtar lill-Avukat Dottor Franco Galea biex jidher fuq l-

imsemmi att għal dawk li jonqsu li jersqu għall-pubblikazzjoni tiegħu;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi;** u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi, kull parti tħallas **l-ispejjeż tagħha**, b'dan li l-attur irid iħallas l-ispejjeż tal-Kuraturi Deputati maħtura biex jidhru għal uħud mill-imħarrkin f'din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------